*Laqgħa Urġenti tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Tmien Legislatura

## *Laqgħa numru 36*

*7 ta' Frar 2018*

### *Preżenti*

Is-Sur Francis Debono -Sindku
Is-Sur Josef Azzopardi -Viċi Sindku
Is-Sur Dominic Spencer -Kunsillier
Is-Sur Frank Zammit -Kunsillier

### *Assenti b'Apoloġiji* (Skont Ordni Permanenti 14A(3)

Is-Sur Jean Paul Zammit -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Francis Debono ippresjeda l-laqgħa.

## *36.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

36.1.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li l-Kunsillier s-Sur Jean Paul Zammit talab jiġi skużat mill-laqgħa hekk kif kien ser jispiċċa xogħol fis-7.30 ta' filgħaxija u ma kienx ser jilħaq jasal fil-ħin. Sadanittant is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jitlob kjarifika mid-Dipartiment dwar x'jiġri meta Kunsillier jonqos milli jattendi l-laqgħa għall-diversi xhur. Is-Segretarju s-Sur Edward Spiteri Audibert qal li huwa fid-diskrezzjoni tal-Kunsill jekk Kunsillier jiġix skużat jew le. F'dan il-każ il-Kunsillier s-Sur Jean Paul kien kważi dejjem skużat u s-issa qatt ma falla erbgħa laqgħat in fila.

## *36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

36.2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

Fis-6.10pm daħal fis-seduta l-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi

## *36.3 Approvazzjoni tal-Quarterly Reports*

36.3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab sabiex fl-aġenda tiżdied l-item dwar il-Quarterly reports għall-perjodu Ottubru sa Diċembru 2017 u kien hemm dettal miżjud dwar l-FSI għar-rapport tal-Quarterly Lulju sa Settembru 2017. Il-Kunsillier is-Sur Domenic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur li jiżdied dan l-item fl-aġenda kien unanimu.

36.3.2 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Edward Spiteri Audibert sabiex jagħti rendikont ta' dawn ir-riżultati kif ippreżentati. Hawnhekk rajna li matul il-perjodu Lulju – Settembru 2017 il-Kunsill għamel surplus ta' ftit aktar €55,000 li kien ferm pożittiv minkejja li l-infieq li kien hemm matul dan il-perjodu. Madanakollu, fl-aħħar kwart tas-sena 2017 il-Kunsill irreġistra tnaqqis marġinali ta' ftit anqas min €30,000. Dan seħħ wara li fl-aħħar xhur tas-sena preċedenti kellhom jitħallsu l-aħħar pagamenti tal-proġett ta' Triq it-Tiġrija, l-hiema infiq mhux ser ikun rikorrenti u bl-ebda mod ma ħalla mpatt negattiv fuq il-finanzi tal-Kunsill hekk kif il-liquidita' hija tajba. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Ir-rapporti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## *36.4 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali għas-sena 2018*

36.4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lir-rappresentanta tar-Reanda Malta Limited sabiex tagħti d-dettalji tal-Estimi Annwali għas-sena 2018. Ir-rappreżentanta qalet li l-Budget li qed jiġi ppreżentat għal din is-sena huwa wieħed pożittiv u qed jidher fil-format il-ġdid skond ir-regoli finanzjarji l-ġodda mid-Dipartiment tal-Gvern lokali. Hawnhekk rajna wkoll li għal din is-sena l-Kunsill ser ikollu committements sabiex jinbidlu diversi dwal ta' toroq kif ukoll żieda fid-dawl tal-ġonna. Il-Kunsill ser ikun qed jikkommetti ruħu wkoll fil-qasam ambjentali hekk kif qed jiżdied ukoll is-servizz tat-tindif.

36.4.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni tal-estimi. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Il-Budget ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## *36.5 Approvazzjoni tal-Budget Plan għas-snin 2018-2020*

36.5.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-intervent tar-rappresentant tar-Reanda Malta Limited sabiex tagħti dettalji tal-Budget Plan għall-perjodu ta' tlett snin min din is-sena sall-2020. Ir-rappresentanta qalet li dan il-Budget Plan ukoll għandhu format ġdid bil-għan li l-Kunsilli jkunu jistgħu jfasslu l-infieq tagħhom għas-snin li ġejjin bil-għan li ma jkunx hemm infieq li mhux previst. Hawnhekk rajna li filwaqt li l-infieq tal-Kunsill huwa mistenni li jkompli jiżdied, madanakollu, d-dħul tal-Kunsill mistenni jiżdied ukoll primarjament mill-fondi tal-Gvern Ċentrali. Il-Kunsillier s-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu. Id-dokument ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv.

### *36.6 Approvazzjoni tal-Annual Financial Statements 2017*

36.6.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ressaq r-Rapport Finanzjarju Annwali għas-sena 2017 fuq il-mejda u talab sabiex dan jiġi spjegat lill-membri tal-Kunsill. Hawnhekk rajna li komplessivament is-sena 2017 intemmet b'defiċit marġinali ta' ftit aktar min €31,000 euro wara li l-Kunsill ħallas il-pagamenti kollha relatati max-xogħol ta' tarmak f'diveri toroq. Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal li dan l-infieq fuq it-toroq mhuwiex ser ikun rikkorrenti hekk kif fil-futur qarib il-Gvern ser ikun qed iwaqqaf aġenzija li ser tieħu ħsieb it-tiswija tat-toroq kollha, sew dawk arterjali kif ukoll dawk residenzjali. Dan ser ikun qed ineħħi dan il-piż finanzjarju min fuq il-Kunsill.

36.6.2 Il-Finanzi tal-Kunsill huma b'saħħithom kif jidher fil-balanċ li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2017 fejn jidher li r-'retained earnings' tal-Kunsill huma ta' ftit aktar min €830,000 euro, li huwa ferm pożittiv meta wieħed iqis l-infieq kollhu li sar matul is-sena. Hawnhekk rajna wkoll li l-'cash and cash equivalents' sal-aħħar tas-sena kienu ta' ftit aktar min €260,000. Mill-figuri jidher li l-infieq fuq it-tindif żdied filwaqt li kien hemm żieda ta' madwar €5,000 euro fil-pagi. L-Assi totali tal-Kunsill sal-aħħar tas-sena 2017 kienu ta' €2,700,000 euro, filwaqt li l-loan fuq il-bini l-ġdid tal-Kunsill diġa' ġie mħallas nofsu f'perjodu ta' inqas min erbgħa snin minkejja l-fatt li l-loan huwa mqassam fuq perjodu ta' għoxrin sena.

36.6.3 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lill-membri preżenti sabiex jieħdu vot dwar dan ir-rapport finanzjarju. Il-Kunsillier is-Sur Frank Zammit issekonda filwaqt li l-vot favur ir-rapport kien unanimu. Ir-rapport ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekkutiv.

## *36.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

36.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis- 6.45pm u ġiet aġġornata għall-21 ta’ Frar 2018 fil-6.00pm kif kien ikkommunikat fis-seduta ta’ qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Francis Debono<br>Sindku | Edward Spiteri Audibert<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermata llum 21 ta’ Frar 2018